

Konvenut: L-Ufficijju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Schifko, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: – Nutrichem Diät + Pharma GmbH (Roth, il-Ġermanja) (rappreżentanti: D. Jochim u R. Egerer, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tad-29 ta' Jannar 2014 (Każ R 764/2013-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Atlantic Multipower Germany GmbH & Co. OHG u Nutrichem Diät + Pharma GmbH.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Atlantic Multipower Germany GmbH & Co. OHG hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 142, 12.5.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġeneral tas-7 ta' Ottubru 2015 – Sonova Holding vs UASI (Flex)

(Kawża T-187/14) ⁽¹⁾

[“*Trade mark Komunitarja — Trade mark Komunitarja verbali FLEX — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) u Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009*”]

(2015/C 398/58)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Sonova Holding AG (Stäfa, l-Isvizzera) (rappreżentant: C. Hawkes, solicitor)

Konvenut: L-Ufficijju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: L. Rampini, aġġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-12 ta' Diċembru 2013 (Każ R 357/2013-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali FLEX bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Sonova Holding AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 151, 19.5.2014.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralis tas-7 ta' Ottubru 2015 – CBM vs UASI – Aeronautica Militare (Trecolare)

(Kawża T-227/14) ⁽¹⁾

[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark
Komunitarja verbali Trecolare — Trade marks Komunitarji u nazzjonali verbali u figurattivi preċedenti
FRECCE TRICOLORI — Raġuni relativa għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)
(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]

(2015/C 398/59)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: CBM Creative Brands Marken GmbH (Zürich, l-Iszvizzera) (rappreżentanti: U. Lüken, M. Grundmann u N. Kerger, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguinal, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Aeronautica Militare – Stato Maggiore (Ruma, l-Italja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tad-29 ta' Jannar 2014 (Każ R 253/2013-1), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Aeronautica Militare – Stato Maggiore u CBM Creative Brands Marken GmbH.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) CBM Creative Brands Marken GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 245, 28.7.2014.